# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum il-Ġimgħa, 27 ta' Ottubru 2017**

**Rikors Ġuramentat Numru: 35/2014 PC**

**Lombard Bank Malta p.l.c. u b'digriet tas-27 ta' Mejju 2016,
l-istess Bella Cassar assumiet l-atti minflok is-soċjeta'
attriċi Lombard Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Anthony Cassar;
Bella Claudia Nicoletta Cassar;
Town House Limited (C10753);
Angerton Enterprises Limited (C18187);
M Farrin Limited (C1216); u
Grena Investments Limited (C34700);
u fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2016, it-talbiet
fil-konfront ta' Bella Claudia Nicoletta Cassar,
Angerton Enterprises Limited (C18187) u
Grena Investements Limited (C34700)
ġew rinunzjati**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi, wara li ppremettiet:

Illi in forza ta' kuntratt publikat min-Nutar Paul George Pisnai fid-19 ta' Diċembru 2000, il-bank attur ta b'titolu ta' *overdraft* u faċilitajiet bankarji oħra lis-soċjeta' Cassar Weaving Limited, is-somma ta' mitejn u għaxart elef liri Maltin

(Lm210,000), ekwivalenti għal erba' mija u disgħa u tmenin elf, mija, tmienja u sittin Euro (€489,168) f'munita kurrenti (Dok. LB 1);

Illi in forza tal-istess kuntratt il-konvenuti Anthony Cassar, Bella Claudia Nicoletta Cassar, Town House Limited u Angerton Enterprises Limited ikkostitwew rwieħom garanti solidali, mas-soċjeta' debitriċi prinċipali Cassar Weaving Limited u bejniethom, a vaur il-bank attur għat-twettieq tal-obbligi kollha assunti mill-imsemmija soċjeta' debitriċi prinċipali favur l-istess bank;

Illi inoltre, iż-żewġ konvenuti l-oħra M Farrin Limited u Grena Investments Limited ukoll ikkostitwew rwieħom garanti solidali, mas-soċjeta' debitriċi prinċipali Cassar Weaving Limited u mal-garanti solidali l-oħra, a favur il-bank attur għat-twettieq tal-imsemmija obbligi; l-intimata M Farrin Limited permezz ta' garanzija personali (Dok. LB 2) u Grena Investments Limited permezz ta' rahan (Dok. LB 3();

Illi sat-30 ta' April 2014 kienet dovutaa lill-bank attur is-somma ta' sitt mija u ħmistax-il elf, tmien mija u għaxart Euro u tlettax-il ċenteżmu (€615,810.13ċ) kif jirriżulta konfermat mill-anness *statement* (Dok. LB 4). Dan l-ammont huwa dovut fl-intier tiegħu mis-soċjeta' debitriċi prinċipali Cassar Weaving Limited u mill-konvenuti kollha bħala garanti solidali, solidalment bejniethom ilkoll;

Illi permezz ta' ittra uffiċċjali datata 8 ta' Lulju 2011, il-bank attur interpella kemm lil Cassar Weaving Limited, bħala d-debitur prinċipali, kif ukoll lill-konvenuti, kollha bħala garanti solidali, sabiex iħallsu dak kollu minnhom lilu dovut (Dok. LB 5);

Illi wara d-data ta' din l-ittra uffiċċjali, il-Bank irċieva ħlasijiet akkont tad-dejn fl-ammont ta' disgħa u tletin elf sebgħa u disgħin Euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€39,097.48ċ), b'mod li llum, għadu dovut lilu bilanċ ta' sitt mija u ħmistax-il elf, tmien mija u għaxart Euro u tlettax-il ċenteżmu (€615,810.13ċ).

Talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tikkundanna b'mod solidali lil Anthony Cassar, Bella Claudia Nicoletta Cassar, Town House Limited, Angerton Enterprises Limited, M Farrin Limited u Grena Investments Limited, bħala l-garanti solidali tad-debitriċi prinċipali Cassar Weaving Limited, sabiex iħallsu lill-bank attur is-somma ta' sitt mija u ħmistax-il elf tmien mija u għaxart Euro u tlettax-il ċenteżmu (€615,810.13ċ) lilu dovuta kif premess.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċċjali datata 8 ta' Lulju 2011 u bl-imgħax legali ulterjuri b'effett mill-1 ta' Mejju 2014 sa' l-effettiv pagament, kontra l-konvenuti, ilkoll inġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tas-soċjeta' konvenuta Grena Investments Limited li eċċepiet:

1. Illi hija ma hix garanti solidali għad-dejn imsemmi fir-rikors in kwistjoni, u l-unika obbligu li għandha fil-konfront ta' l-istess debitu hija in konnessjoni ma rahan il-bank kien liberu li jeżerċita d-drittijiet tiegħu skont il-liġi, f'liema evetwalita hija kienet tiġi surrogata fil-kreditu tal-bank skont il-liġi, u l-istess konvenut kien invita lill-bank biex jieħu din it-triq; il-konvenut qatt ma ostakola lill-bank fl-eżerċizzju tad-drittijiet ta' rahan li l-istess bank kellu fuq proprejta' tiegħu, imma naturalment huwa ma hux obbligat versu l-bank oltre ir-rahan u speċjalment m'huwiex garanti solidali tal-kreditu vantat mill-bank u għalhekk it-talbiet tal-bank fil-konfront tiegħu għandhom jiġu riġettati bl-ispejjeż kontra l-istess bank. Illi għal kumplament huwa jirrimetti ruħu għaliex dawn huma affarijiet li jafu aħjar il-konvenuti l-oħra;

2. Illi għall-kontenut tar-rikors huwa ma jaqbilx mar-raba' paragrafu fejn hemm allegat li Grena Investments Limited ikkostwiet ruħha garanti solidali mas-soċjeta' debitriċi prinċipali billi dan mhux il-każ u dan jirriżulta biċ-ċar anke mill-istess dokument ta' raħa (*sic);*

3. Għalhekk it-talbiet tar-rikorrent fil-konfront tas-soċjeta' hawn eċċipjenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu riġettati;

4. B'riserva ta' kull eċċezzjoni oħra ulterjuri li tista' titqajjem fil-futur.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuta Bella Claudia Nicoletta Cassar li eċċepiet:

Illi preliminarjament l-ewwel smiegħ ta' din l-kawża ċioe' dak ta' nhar il-21 ta' Lulju, 2014 huwa irritu, null u llegali billi sar fil-ferjat bi ksur tar-regolarment 28 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09 (Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon Ordni) u dana meta la hemm każ ta' urġenza, la hemm talba f'dan is-sens la hemm il-kunsens tal-kontendenti u lanqas hemm xi raġuni oħra deċiża mill-Qorti u reġistrata fl-atti tal-kawża;

Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti twieġeb preliminarjament ukoll illi hija ma għandha tħallas xejn lill-kumpanija bankarja attriċi u għandha tiġi meħlusa ai termini ta' l-artikolu 1959 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi s-surroga fi kwalunkwe jeddijiet, ipoteki u privileġġi li l-kumpanija bankarja attriċi għandha kontra l-kumpanija debitriċi prinċipali ċioe' Cassar Weaving Limited ma tista' qatt issir favur ta' l-esponenti u dan bi ħtija tal-kumpanija bankarja attriċi;

Illi mingħajr preġuduzzju għas-suespost u f'każ biss illi dina l-Onorabbli Qorti ma tilqax it-tweġiba kontenuta fil-paragrafu preċedenti, l-esponenti twieġeb illi fit-talbiet tal-kumpanija bankarjua attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u

għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha billi mill-kuntratt pubbliku anness mar-rikors promoter li bih ingħataw faċilitajiet bankarji inklużi dawk ta' overdraft lill-kumpanija debitriċi prinċipali ċioe' Cassar Weaving Limited ma jirriżultax żmien jew terminu meta kellu jsir il-ħlas lura u għalhekk it-talba tal-kumpanija bankarja attriċi sabiex l-esponenti tiġi kkundannata tħallas hija intempestiva;

Illi għall-istess raġuni imsemmija fil-paragrafu preċedenti, t-talbiet tal-kumpanija bankarja attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha billi l-kumpanija bankarja attriċi għamlet ukoll il-kawża l-ħażina għaliex skont l-artikolu 1077 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta "Meta ma jkun ġie stabbilit ebda żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni, din għandha tiġi esegwita minnufih, iżda dan kemm-il darba x-xorta tal-obbligazzjoni, jew il-mod li bih għandha tiġi esegwita, jew il-lok miftiehem għall-esekuzzjoni tagħha, ma jġibux magħhom il-ħtieġa ta' żmien li, jekk ikun hemm bżonn, jiġi stabbilit mill-qorti." Mill-kuntratt imsemmi ma jirriżultax illi l-kapital u l-imgħax kellhom jitħallsu lura fi żmien stabbilit imma mix-xorta tal-kuntratt kien jinħtieġ medda ta' żmien sabiex dan id-debitu jitħallas u għalhekk, kif ġie spjegat, id-dejn għadu ma għalaqx għaliex it-terminu ta' ħlas tad-dejn semmai għandu jiġi stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti ġialadarba ma jirriżultax mill-kuntratt innifsu;

Illi f'kull każ u mingħajr preġudizzju għal dak kollu hawn fuq espost, l-esponenti twieġeb li jekk fil-pessima ipoteżi dina l-Onorabbli Qorti ma taqbel ma l-ebda waħda mit-tweġibiet ta' hawn fuq, xorta waħda t-talbaiet tal-kumpanija bankarja attriċi ma jsitgħux jintlaqgħu billi skont it-termini espresso tal-kuntratt anness mar-rikors promotur id-dejn li seta' jkun dovut ma setax jeċċedi l-ammont ta' mitejn u gaħxart' elef liri Maltin (Lm 210,0000 ekwivalenti għal erba' mija disgħa u tmenin elf mija tmienja u sittin Euro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€489,168.41ċ);

Salv tweġiba ulterjuri jekk ikun il-każ.

Għal dawn ir-raġunijiet, it-talbiet tal-kumpanija bankarja attriċi fil-konfront ta' l-esponenti gaħndhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha. Ir-rappreżentanti, diretturi, azzjonisti, uffiċċjala u mpjegati tal-kumpanija bankarja attriċi huma minn issa inġunti in subizzjoni.

Rat il-kontro-talba tal-istess konvenuta li permezz tagħha, wara li ppremettiet:

1. Illi l-esponenti tixtieq tipprevalixxi ruħha mir-rikors maħluf imressaq mill-kumpanija bankarja attriċi sabiex tagħmel talba rikonvenzjonali skont am jipprovdu l-artikoli 396 et seq tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi kif sejjer jirriżulta matul it-trattazzjoni ta' dina l-kontro-talba, l-kumpanija bankarja attriċi kienet tat faċilitajiet bankarji lill-kumpanija debitriċi prinċipali

Cassar Weaving Limited inklużi faċilitajiet ta' self u overdraft. L-esponenti kienet tat garanzija solidali fuq ġidha kollu. Kien hemm garanti solidali oħra u l-kumpnaija konvenuta Grena Investments Limited tat rahan konsistenti f'kotanti depożitati f'kont fiss mal-kumpanija bankarja attriċi bin-numru 02520120286 f'ammont ta' mitejn tlieta u erbgħin elf disa' mija tileta u tmenin sterlina (GBP243,983), liema rahan ingħata sabiex jagħmel tajjeb għad-djun dovuti mill-kumpanija debitriċi prinċipali Cassar Weaving Limited. Skont "sanction letter" ta' nhar il-5 ta' Marzu 2010, maħruġa mill-kumpanija bankarja attriċi, hija kellha tapproprja dan ir-rahan sabiex jintaqqas l-ammont li kien dovut lilha. Il-kumpanija bankarja attriċi kellha kull dritt li tapproprja – rahan skoni id-dispożizzjonijiet tal-ftehim ta' rahan. Minkejja dan u minkejja l-fatt li f'dak il-waqt tali tnaqqis tad-dejn kien ifisser li d-dejn kollu dovut mill-kumpanija debitriċi prinċipali prattikament ikun saldat, il-kumpanija bankarja attriċi baqgħet ma approprijatx il-flus kontnatni mirhuna favur tagħha kontra d-dejn. L-esponenti interpellat uffiċċjalment lill-kumpanija bankarja kemm-il darba sabiex tapproprja r-rahan iżda l-istess kumpanija bankarja attriċi baqgħet inadempjenti u lanqas biss wieġbet lill-esponenti;

3. Illi l-konsegwenza ta' dan hija li l-kumpanija debitriċi prinċipali falliet u tqiegħdet fi stralċ b'ordni ta' dina l-Onorabbli Qorti bil-konsegwenza li llum is-surroga fi kwalunkwe jeddijiet, ipoteki u privileġġi li l-kumpanija bankarja attriċi għandha kontra l-kumpanija debitriċi prinċipali ċioe' Cassar Weaving Company Limited ma tista' qatt issir favur ta' l-esponenti u dan bi ħtija tal-kumpanija bankarja attriċi u għalhekk l-esponenti għandha tiġi meħlusa ai termini ta' l-artikolu 1959 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u l-ewwel talba rikonvenzjonali li ser tagħmel l-esponenti hija proprju f'dan is-sens;

4. Illi jekk kemm-il darba dina l-Onorabbli Qorti ma tilqax l-ewwel talba, xorta waħda jibqa' l-fatt illi l-esponeneti għandha jedd li tingħata żmien sabiex tħallas skond ma jiddisponi l-artikolu 1077 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' malta u f'kull każ u mingħajr preġudizzju l-kumpanija bankarja attriċ pproċediet b'mod mhux bil-għaqal li jimmitiga kwalunkwe dannu iżda hija pproċediet b'mod għal kollox negliġenti bi preġudizzju kemm għall-kumpanija debitriċi prinċipali kif ukoll bi preġudizzju għall-garanti tagħha billi, fost l-oħrajn, ippermettiet li l-kumpanija debitriċi prinċipali tfalli u jiġu akkumulati l-imgħaxijiet reklamati minnha minflok ma l-kumpanija bankarja attriċi approprijat il-flus kontanti mirhuna favur tagħha kontra d-dejn;

5. Illi għalhekk il-kumpanija bankarja attriċi kkawżat danni nġenti lill-esponenti bil-mod li amministrat il-kontijiet u l-faċilitajiet mogħtija lill-kumpanija debitriċi prinċipali Cassar Weaving Limited kif ukoll bil-mod li ma approprijatx ir-rahan hawn fuq imsemmi, bil-mod li sa missa pproċediet ġudizzjarjament kontra l-kontendenti jew min minnhom u hija passibbli għad-danni kollha kkaġunati minnha anke taħt id-dottrina tal-"lender's liability". L-esponenti qiegħda wkoll tinkorri spejjeż inġenti oħra sabiex

tissubbasta proprjeta' ta' xi wħud mill-konvenuti l-oħra biex finalment ir-rikavat jiħallas u jiġi perċepit biss mill-kumpanija bankarja attriċi;

6. Illi l-esponenti taf il-fatti hawn dikjarati personalment;

7. Illi għalhekk l-esponenti kellha tippreżenta dina l-kontro-talba.

Talbet li din il-Qorti jogħgobha:

1. Tiddikjara u tiddeċidi illi l-esponenti hija meħlusa ai termini ta' l-artikolu 1959 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta mill-garanziji kollha minnha mogħtija lill-kumpanija bankarja attriċi billi s-surroga fi kwalunkwe jeddijiet, ipoteki u privileġġi li l-kumpanija bankarja attriċi għandha kontra l-kumpanija debitriċi prinċipali ċioe' Cassar Weaving Limited ma tista' qatt issir favur ta' l-esponenti u dan bi ħtija tal-kumpanija bankarja attriċi;

2. F'każ li dina l-Onorabbli Qorti ma tilqax l-ewwel talba rikonvenzjonali ta' l-esponenti u f'każ li dina l-Onorabbli Qorti tiddeċidi li l-esponenti għandha tħallas xi somma lill-kumpanija bankarja attriċi, tiffissa żmien raġjonevoli, skont iċ-ċirkostanzi, sabiex l-esponenti tħallas tali somma;

3. Tiddikjra illi l-kumpanija bankarja attriċi pproċediet b'mod mhux bil-għaqal li jimmitiga kwalunkwe dannu iżda hija pproċediet b'mod għal kollox negliġenti bi preġudizzju kemm għall-kumpanija debitriċi prinċipali kfi ukoll bi preġudizzju għall-garanti tagħha billi, fost l-oħrajn, ippermettiet li l-kumpanija debitriċi tfalli u jiġu akkumulati l-imgħaxijiet reklamati minnha minflok ma l-kumpanija bankarja attriċi baqgħet ma approprijatx il-flus kontanti mirhuna favur tagħha kontra d-dejn u kwindi l-kumpnaija bankarja attriċi hija ħatja u responsabbli għad-danni kkaġunati lill-esponenti, inklużi l-ispejjeż hawn fuq imsemmija;

4. Tillikwida d-danni hekk ikkaġunati mill-kumpanija bankarja attriċi lill-espoenti;

5. Tikkundanna lill-kumpanija bankarja attriċi tħallas lill-esponenti d-danni hekk likwidati.

Bl-isepejjeż kollha kontra l-kumpnaija bankarja attriċi, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċċjali kollha ppreżentati mill-esponenti kontra tagħha u li permezz tagħhom interpellat lill-kumpanija bankarja attriċi sabiex tappropja r-rahan hawn imsemmi. Ir-rappreżentanti, diretturi, azzjonisti, uffiċjala u mpjegati tal-kumpanija bankarja attriċi huma minn issa nġunti in subizzjoni. Għal kull bwon fini, l-esponenti qiegħda minn issa stess tirriserva kull jedd u azzjoni li għandha skont il-liġi, inkluż iżda mhux limitat, il-jedd ta' rivalsa kontra l-kontendenti l-oħra.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta' attriċi għal din il-kontro-talba li permezz tagħha wieġbet:

1. Illi l-ewwel talba tal-konvenuta Cassar għandha tiġi miċħuda għaliex l-artikolu 1959 tal-Kap XVI tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikax għall-każ de quo;

2. Illi t-tieni talba tal-konvenuta Cassar għandha tiġi miċħuda għaliex fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-kuntratt (Dok. LB 1 fl-atti) m'hemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 1077;

3. Illi t-tielet talba tal-konvenuta Cassar għaandha tiġi miċħuda għaliex l-addebiti minnha attribwiti lill-Bank attur huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt;

4. Konsegwenti għaċ-ċaħda tal-ewwel tlett talbiet tal-konvenuta Cassar, ir-rimanenti talbiet tagħha għandhom ukoll jiġu miċħuda. L-ispejjeż kollha in konnessjoni mal-Kontro Talba għandhu ikunu a karigu tagħha;

5. Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment;

6. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tas-soċjeta' konvenuta Grena Investments Limited għall-istess kontro-talba, li permezz tagħha wieġbet:

1. Illi l-kuntratt tad-19 ta' Diċembru 2000 fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani bejn Lombard Bank Malta p.l.c., Cassar Weaving Limited, Anthony Cassar, Bella Claudia Cassar, Town House Limited u Angerton Enterprises Limited huwa kuntratt ta' *overdraft* u mhux ukoll ta' self. Huwa minnu li s-soċjeta' esponenti kienet tat rahan permezz ta' kont li l-esponenti għandha mal-Lombard Bank Malta p.l.c. iżda n-numru tal-kont li fuqu attwalment hemm il-pledge huwa 0244012028600, kif jirriżulta mill-pledge form li tinsab in atti mmarkata Dokument 'LB 3', u mhux kont bin-numru 02520120286 kif ingħad fil-kontro talba. Is-soċjeta' esponenti mhix edotta dwar il-fatti kwantu dawn jirreferu għas-sanction letter tal-5 ta' Marzu 2010 u l-ittri interpellatorji li l-konvenut rikonvenzjonanta Bella Claudia Nicoletta Cassar tallega li hija bagħtet lill-Bank rikonvenzjonat biex japproprja r-rahan, iżda s-soċjeta' esponenti kienet invitat lill-istess Bank sabiex jeżerċita d-drittijiet tiegħu skont il-liġi fil-konfront tal-imsemmi rahan, kif diġa' ġie msemmi fir-risposta ġuramentata li s-soċjeta' esponenti għamlet dwar l-azzjoni prinċipali;

2. Illi minn verifiki li għamlet l-esponenti, u skont ma jirriżulta mill-anness Dokument 'GIL 1' konsistenti f'estratt mis-sit tal-Awtorita' ta' Malta dwar is-Servizzi Finanzjarji, huwa minnu li s-soċjeta' Cassar Weaving Limited

tpoġġiet fi stralċ, u f'każ li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li għandha raġun il-konvenuta rikonvenzjonanta meta tgħid illi minħabba f'hekk hija għandha tiġi meħlusa mill-obbligi tagħha bħala garanti, l-esponenti tirriserva l-pożizzjoni tagħha kwantu hija ma għandhiex tiġi ppreġudikata billi tiġi ttrattata b'mod aktar sfavorevoli mill-konvenuta rikonvenzjonanta. Ma għandux ikun li l-esponeneti tiġi ppreġudkata billi jiġi meħlus il-garanti solidali filwqt li l-esponenti tibqa' responsabbli meta hija tat biss rahan. Inoltre jekk l-esponenti bħala l-persuna li tat ir-rahan tibqa' responsabbli għad-debitur prinċipali u tiġi surrogata fid-drittijiet kollha tal-Bank rikonvenzjonat in segwitu għal ħlas, allura l-esponenti tkun ġiet ippreġudikata doppjament kwantu d-debitur prinċipali jirriżulta fallut u l-garanti solidali jkun ġie meħlus. Għalhekk filwaqt li l-esponenti qed tirriserva l-pożizzjoni tagħha dwar għandux japplika għall-konvenuta rikonvenjonati l-Artikolu 1959 tal-Kap. 16, id-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti dwar dan il-punt ma għandhiex tkun ta' detriment għall-esponenti jew ma għandhiex tkun tali li hija tiġi trattata b'mod aktar sfavorevoli mill-konvenuta rikonvenjzonanta;

3. Illi fir-rigward ta' dak li jingħad fil-premessa numru 4 tal-kontro talba, f'każ li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li l-konvenuta rikonvenzjonanta għandha tingħata żmien għall-ħlas ai termini tal-Artikolu 1077 allura l-istess pożizzjoni għandha tapplika fil-konfront tas-soċjeta' esponenti billi l-imsemmi artikolu ma jagħmel ebda distinzjoni bejn garanti u persuna li tagħti rahan;

4. Illi għar-rigward tal-ħames premess tal-kontro talba, jekk din l-Onorabbli Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Bank rikonvenzjonat ikkawża xi danni lill-konvenuta rikonvenzjonanta bħala garanti solidali, dan ma jistax ħlief ifisser ukoll li l-Bank ikun ikkawża danni anke lill-esponenti bħala l-kumpanija li tat rahan.

Rat ir-riferta pożittiva tal-konvenuti l-oħra li saret permezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni.[1]

Innotat li l-istess konvenuti, debitament notifikati kif ingħad, baqgħu kontumaċi.

Rat in-Nota tal-konvenuta Bella Claudia Nicoletta Cassar tal-25 ta' Mejju 2016 li biha ċediet il-kontro-talba tagħha.

Rat id-digret tagħha tas-27 ta' Mejju 2016 fejn Bella Claudia Nicoletta Cassar ġiet awtorizzata tassumi l-atti tal-kawża minflok is-soċjeta' attriċi.[2]

Rat il-verbal tal-legali tal-istess Bella Claudia Nicoletta Cassar magħul fl-istess udjenza tas-27 ta' Mejju 2016 fejn, f'isimha rrinunzja għat-talbiet attriċi in kwantu

[1] Ara riferti pozittivi a fol. 108 tergo tal-proċess, u pubblikazzjoni fil-gazzetti a fol. 146 u 150
[2] Ara verbal a fol. 197

saru fil-konfront tal-istess Bella Claudia Nicoletta Cassar, Angerton Enterprises Limited u Grena Investments Limited.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti.

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Mejju 2017 fejn halliet il-kawza għal-lum għas-sentenza.
Ikkunsidrat:

Illi din il-kawża bdiet b'talba tal-Lombard Bank p.l.c kontra l-konvenuti kollha sabiex jiġbor l-ammont indikat fir-Rikors Ġuramentat, rappreżentanti l-bilanċ dovut in konnessjoni ma' faċilitajiet ta' *overdraft* u faċilitajiet bankarji oħra mogħtija lis-soċjeta' Cassar Weaving Limited, u li tagħhom l-konvenuti kienu garanti solidali.

Ġara illi fil-mori tal-kawża s-soċjeta' konvenuta Grena Investments Limited ħallset lill-Bank attur is-somma mitluba, flimkien ma' ammonti oħra mitluba permezz ta' proċeduri oħra pendenti quddiem din il-Qorti wkoll, biex ġiet issurrogata fid-drittijiet tal-istess Bank kontra l-konvenuti l-oħra.[3] Permezz ta' kuntratt ieħor li sar fl-istess ġurnata, l-konvenuta Bella Claudia Nicoletta Cassar ħallset lil din il-kumpanija s-somma ta' €1,331,820, u b'hekk ġiet surrogata fid-drittijiet li kienet akkwistat l-istess kumpanija kontra uħud mill-konvenuti l-oħra, u ċioe' fil-konfront tal-konvenut Anthony Cassar, s-soċjeta' Town House Limited u s-soċjeta' M. Farrin Limited.[4] Infatti, wara li l-istess Bella Claudia Nicoletta Cassar assumiet l-atti tal-kawża minflok il-Bank attur, u ċediet il-kawża fil-konfront ta' uħud mill-konvenuti, hija kompliet il-kawża fil-konfront ta' dawn it-tliet konvenuti li kien baqa'.

**Anthony Bezzina**, *manager* tal-fergħa tal-Lombard Bank f'Għawdex, ikkonferma l-veraċita' ta' dak li kien ġie dikjarat fir-Rikors Ġuramentat, u pproduċa d-dokumenti relattivi għat-talba, li minnhom jirriżulta l-ammont mitlub u li l-konventi msemmija kienu garanti solidali mal-kumpanija Cassar Weaving Limited għall-ħlas tiegħu.[5] Billi l-attriċi ġiet, kif ingħad, surrogata fid-drittijiet tal-Bank fir-rigward tal-pretensjoni tiegħu, jiġi li l-ammont indikat flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Mejju 2014 meta kien sar l-istatement anness mar-Rikors Ġuramentat, huma llum dovuti lill-attriċi presenti, l-istess Bella Cassar.

Għaldaqstant tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talba fil-konfront tal-konvenuti Anthony Cassar, s-soċjeta' Town House Limited u s-soċjeta' M. Farrin Limied u:

[3] Ara kopja tal-kuntratt tad-19 ta' Mejju 2016, in atti Nutar dottor Josette Spiteri Cauchi, esebit bħala Dok. BC 1 a fol 184 – 189 tal-proċess
[4] Ara kopja tal-kuntratt tad-19 ta' Mejju 2016, in atti Nutar dottor Josette Spiteri Cauchi, esebit bħala Dok. BC 2 a fol 190 – 194 tal-proċess
[5] Ara deposizzjoni tiegħu tat-12.05.2017 a fol. 204 – 207, u Dok. AB 1 a fol. 208 – 221; ara wkoll id-dokumenti annessi mar-Rikors Ġuramentat a fol. 5 – 20

1. Tikkkundannahom b'mod solidali, bħala garanti solidali tad-debitriċi prinċipali Cassar Weaving Limited, sabiex iħallsu lill-attriċi Bella Claudia Nicoletta Cassar, is-somma ta' sitt mija u ħmistax-il elf tmien mija u għaxart Euro u tlettax il-ċenteżmu (€615,810.13ċ) dovuti lilha bil-mod hawn fuq imfisser.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali datata t-8 ta' Lulju 2011, u bl-imgħax legali ulterjuri, b'effett mill-ewwel (1) ta' Mejju 2014 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-istess konvenuti.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

27.10.2017 –Sup35.2014 – Lombard Bank Malta plc vs Anthony Cassar et
3073